MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2006

Numru 625/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Michael Mallia)**
**(Spettur Victor Aquilina)**

**vs**

**Anthony Rapa**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzajoni migjuba kontra **Anthomy Rapa** ta' 36 sena, bin Joseph u Rosaria *nee'* Zammit, imwieled San Pawl il-Bahar l-4 t' April, 1969, residenti 'Maruska Flats', Flat 7, Triq l-Ghabex, San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 150769M;

1. Talli f'H'Attard u f'dawn il-Gzejjer, fil-21 ta' Lulju, 2005, ghall-habta tal-4.30am ikkommetta serq ta' diversi 'domestic appliances' u oggetti ohra, li l-valur globali

taghhom jecceddi s-somma ta’ mitt lira Maltin izda inqas minn elf lira Maltin, minn gol-fond ‘Jolly Componibili’ sitwat fi Triq Notabile, Qasam Industrijali, H’Attard, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltin u bil-hin, u li sehh ghad-dannu tal-propjetarji tal-post;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bil-hsieb li jaghmlu delitt, u cioe’ serq mill-fond ‘Jolly Componibili’, urew dan il-hsieb b’atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ taghhom u li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bil-valur li jiskorri l-elf lira Maltin , bil-hin u bil-mezz u li jkun sar ghad-detriment tal-propjetarji tal-post;

3. Akkuzat ukoll llli huwa recediv ai termini ta’ l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta , b’sentenzi moghtija lilu fi zminijiet differenti mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru defeinittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Semghet il-provi kif ukoll l-ammissjoni tal-imputat fuq l-akkuzi kollha;

Rat l-atti tal-kawza u stante ammissjoni, l-akkuzi jirrizultaw pruvati;

Ghalhekk issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu;

Rat l-artikoli 261 (b), (c) u (f), 263, 267, 270, 278, 41, 49 u 50 tal-Kap 9;

Wara li rat il-fedina penali tal-imputat u wara li saru r-ricerki kollha mehtiega skond id-disposizzjoni tal-artikolu 11 tal-Kap 446 u dan peress illi jidher li jkun aktar addattat li l-imputat jitqieghed taht ordni ta’ servizz tal-komunita’; Wara li staqsiet lill-imputat jekk hux dispost li jaghmel dan is-servizz u l-imputat wiegeb fl-affermattiv u iffirma, il-Qorti qed tqieghed lill-imputat taht ordni ta’ servizz tal-

kommunita’ ghal-zmien totali ta’ xoghol ta’ mija u hamsin (150) siegha skond il-formola annessa ai termini tal-artikolu 11 tal-Kap 446.

Il-Qorti fissret bi kliem car lill-imputat l-obbligi tieghu naxxenti minn din is-sentenza u l-konsegwenzi li jikser dawn l-obbligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------